MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2012

Numru. 684/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**VS**
**DAVID VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

David Vella ta’ 34 sena, bin Emanuel u Rosemarie nee’ Farrugia, mwieled Pieta’ nhar it- 18 ta’ Lulju 1978, residenti 49, The Chimes, Triq Patri A. Tonna Barthet, Pembroke u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 345478M ;

Talli nhar il- 31 ta’ Marzu 2011, ghall- habta tas- 14.00hrs fi Triq Camillo Sciberras, Pembroke ikkommetta serq ta’ Diesel fuel minn vettura tal- ghamla Kobelco RK70M (crane) bin- numru tar- registrazzjoni JBL 215 ghad-

detriment ta’ Martin Curmi minn Pembroke u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravate bil- valur, mezz u bix-xorti tal- haga misruqa;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet provi sufficjenti fil-konfront tal-imputat biex juru li kien l-istess imputat li nqabad *in flagrante delicto* jisraq diesel minn crane wieqaf fi Triq Camilli Sciberras, Pembroke, fid-data u l-hin indikati. Id-derubat, Martin Curmi, huwa s-sid tal-crane in kwistjoni, u b’xorti tajba ghalih – u hazina ghall-imputat – nhar il-31 ta’ Marzu 2011 mar biex ihaddem dan il-crane, u hekk kif gie vicin tieghu lemah qisu likwidu hiereg minn tahtu, u “jerrycan” fil-genb. Fil-pront ra persuna taht il-crane mal-art fit-triq, li Curmi gharaf bhala l-imputat. Curmi saqsieh x’inhu jaghmel hemm taht u kkonfrontah billi qallu li qed jisraq id-diesel tieghu izda l-imputat, wara li qallu li kellu l-crane qed joqtorlu d-diesel, dahal fil-vettura tieghu u harab. Qabel ma harab, Curmi lahaq hadlu nuccali u pakkett sigaretti, biex fi kliemu stess ikollu prova tal-verita’ li qed ighid. Wara ghamel rapport lill-Pulizija, u tahom in-numru tal-vettura CCC 187, li saq l-imputat biex harab minn fuq il-post.

Il-Pulizija ghalhekk baghtu ghal sid dik il-vettura, li kien l-imputat, u dan irrilaxxa stqarrija fejn qal li hu habat bl-istess vettura tieghu mal-crane wieqaf, u hareg jara kellux hsara. Din il-verzjoni ma taqbel xejn ma’ dik li intqalet lil Curmi. Quddiem din il-Qorti, l-imputat ghazel li ma jixhedx, kif kellu kull dritt jaghmel, u ghalhekk il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta’ Curmi li ma giet kontradetta minn hadd. Anzi, il-provi juru lill-imputat fuq il-lok tad-delitt, mal-art taht il-crane, bid-diesel hiereg minn gol-istess crane. L-ispjegazzjoni li jipprova jaghti l-imputat fl-istqarrija tieghu

hi fjakka u inverosimili ghall-ahhar, u l-Qorti ma tistax temmnu.

Kwantu ghall-prova tal-valur tad-diesel, din ukoll ma gietx kontradetta, izda l-anqas ma setghet tigi ppruvata b'certezza. Jibqa' ghalhekk is-serq ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa. L-addebitu tar-recidiva gie ppruvat bis-sentenza esebita fl-atti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 261, 263, 267 u 271(g) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------